**Dawl jiddi**

Niftakar meta ltqajt miegħek
Mill-ewwel fik b'qawwa kont rajt,
Għerf kbir imżejjen bil-fehma
Magħġun ma' qalbek ammirajt.

Kliemek sabiħ tant għalliemi
Li bi ħlewwietu kien oċejan,
Għaliex daħħalni fit-tama
Ta' veru Patri Franġiskan.

Għallimtni nħares fis-sema
Għax hemm jinsabu t-tweġibiet,
Saħħaħtni biex ngħix tant ħieles
Meħlus, imdawwar bil-barkiet.

Għentni nifhem ħaġa kbira
Sehem il-mara fl-appostolat,
It-tnebbieħek wisq ifarraġni
Inħossni tant iffurtunat.

Nibqa' ngħożż dik tifkirietek
Dejjem tberikni lejl u nhar,
Għadni nġorr f'qalbi l-quddiesa
Li qaddistlek hawnhekk fl-isptar.

Fis-skiet l'issa sar ħabibi
Qed nerġa' nisma' dak kliemek,
Li mal-ġesti ħelwin tiegħek
Berkilna jiemna u jiemek.

Infakkrek oħti l-għażiża
U saltan ma' Ġesù Sidi,
Seħibni f'mixjieti Pauline
Inti għalija dawl jiddi.

Patri Mario Attard OFM Cap
3 ta' Marzu 2023

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.